# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 1214/2000/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**V & C Contractors Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 6 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil din il-qorti sabiex is-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallasha s-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu, (LM555.46,0), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma hsarat minnhom ikkagunati lill-proprjeta' ta' l-istess socjeta' mittenti waqt xogholijiet fi Triq Marfa, Mellieha, skond kont mibghut lilhom datat 26 ta' Frar ta' l-1999,**

(skond kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' l-invoice numru 4949 Dok. A), u dan skond kif jidher mill-anness rapport tal-pulizija Dok. B;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-dritt professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata 28 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu u minghaj pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta stante illi s-socjeta' konvenuta nomine esegwiet ix-xogholijiet in kwistjoni skond il-sengha u l-arti u kwalunkwe hsara li allegatament setghet saret mhix responsabbli ghalihom is-socejta' konvenuta;

3. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attrici trid tipprova illi l-hsarat li qed tallega li saru fil-fatt graw u ghandha tipprova wkoll illi l-valur ta' dawn il-hsarat huma dawk indikati fl-avviz;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal taghha tas-7 ta' Marzu tas-sena 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-smiegh tax-xhieda rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta;

Tirrileva illi nonostante l-obbligu tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici li jidher ghall-kawza promossa mis-socjeta' li qed jirrapprezenta, din baqghet ma deheritx;

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm is-socjeta' attrici tirriferi ghall-ittra ufficcjali fl-avviz promotur pero' la ghamlet referenza ghad-data ta' din l-ittra ufficcjali u lanqas ma pprezentat kopja skond il-ligi biex tipprova li effettivament ghamlet dan;**

**Illi jirrizulta li x-xoghol in dizamina kien wiehed illi sar abbundantament aktar minn sentejn mid-data tal-prezentata u/jew tan-notifika tal-avviz promotur;**

**Illi d-direttur rapprezentant tas-socjeta' konvenuta isostni bil-gurament tieghu illi s-socjeta' konvenuta li hu jirrapprezenta qatt ma giet notifikata b'ittra ufficcjali kif allegat mis-socjeta' attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili il-procedura odjerna hija preskritta u konsegwentement tichad it-talba attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**